**Il-Leġġenda tal-Wied tal-Isperanza**
**Ta’ Patri Ġużè Delia S.J.**

Fil-ġrajjiet ta' dil-gżira art twelidna,
Hekk imqallba fin-nisġa tas-snin
Dejjem xegħlet fi qlubna l-imħabba
Lejn Marija Omm tagħna l-bnedmin.

Għax kull darba li fuqna ħassejna
Jagħfas kiefer id-dafar ta' hemm
U din qalbna fil-weġgħa tan-niket
Kienet tikbi u tqattar bid-demm.

U mixħuta għarkobbtejna quddiemha,
L-Isem tagħha sejjaħna fit-talb,
B'karba twila bħal għajta mbikkija,
Illi toħroġ maħnuqa mill-qalb,

Hi minn dejjem semgħetna w għajnejha
Dawret fuqna mimlija ħlewwiet,
B'dik id-daħka ta' tieba u mħabba,
Illi tgħaxxaq u timla s-smewwiet.

U farrġitna kif biss lil uliedha
Taf l-omm tfarraġ fid-diam tat-tiġrib,
Meta jiġru f'ħoġorha biex fejnha
Kenn isibu fid-dell tas-Salib.

Kemm-il darba ħelsitna mill-biżgħa
U mill-qilla tal-Mislem imqit,
Li ġie fuqna biex taħtu jjassarna,
Biex ikun ta' daw l-gżejjer is-Sid.

Darba ġew. Kienu eluf u qawwija,
Ħabtu għalina magħluqa fis-swar,
U hedhduna bil-ġuħ, u bil-għeja,
U dawruna bħal f'ċirku ta' nar.

Konna ftit, mingħajr tama t'għajnuna
Mill-barrani taparsi ħabib,
U l-imrammi tas-swar kienu mġarrba
U t-tmiem tagħna kien jidher hekk qrib.

Imma f'qalbna mixgħula bil-fidi
Qatt it-tama ma naqset u ntfiet,
Għax mis-Sema 'l uliedha Marija
U qatt fis-siegħa tan-niket ma nsiet.

U bis-setgħa ta' driegħha lill-għadu
Fi kburitu ħawwadna u mix-xtut
Ta' dil-gżira, ġarrabna biex ismu
Jibqa' għal dejjem fost ġensna misħut.

Kemm ħabbitna minn dejjem Marija
kemm waqfet għalina mġarrbin,
Jixhduh ċar is-Santwarji għażiża.
Ma' kull rokna ta' Malta mwaqqfin.

Kull Santwarju fih storja mill-isbaħ
Fejn hemm tħabbat it-qalb ta' din l-Omm,
Li fir-rwiefen ħarsitha ħanina
Baqgħet fuqna minn dejjem iżżomm.

Ftit 'il barra mir-raħal tal-Mosta,
Hekk kif tħalli warajk l-aħħar djar,
Fuq ġenb wieħed ta' Wied l-Isperanza,
Moħbi fl-aħdar tal-qasab, hemm għar.

Għar miftuħ ġewwa l-blat, illi fuqu
Għandu knisja, mistura fis-skiet,
Knisja ċkejkna msemmija għall-Madonna,
BI-istess isem sabiħ bħal tal-wied.

Ma' dil-Knisja u dan l-Għar hemm marbuta
Ġrajja kbira, li ġrat ilu s-snin,
Meta l-Mislem bil-qawwa tax xwieni,
Kien iwerwer dawn xtutna Maltin.

U għal għarrieda, bħal lpup fuq il-merħla,
Kienu jinżlu bil-lejl u bin-nhar,
Fuq l-irħula biex jaħtfu u jisirqu
Kulma jsibu fir-rziezet u d-djar.

Din il-ġrajja hi xhieda oħra tal-ħniena.
Li Marija minn dejjem uriet
Ma' dawk kollha li dejjem sejħulha,
B'fidi kbira u mħabba ta' wlied.

***

Kienet għodwa xitwija f'Diċembru,
Meta 'l hinn fuq ix-xefaq fil-bogħod,
Fejn is-sema jitbewwes mal-baħar,
L-ewwel dawl taż-żerniq kien jirtogħod,

F'dik id-daħla, fl-inħawi tal-Qawra,
Bi blat iswed imdawra max-xfar,
Kien hemm riesqa, bħal ħoss, fuq l-imqadef,
Xini Torka moħbija ġoċ-ċpar.

Kienet qisha fid-dalma għodwija,
Ta' xi waħx id-dell iswed, misħut.
Qed idur, qed iħuf, donnu seqer,
Qed ifittex post kenni max-xtut.

Hekk kif qorbot ix-xini mal-plajja
F'rokna mwarrba milqugħa mir-rjieħ,
Ġgajta ġgajta l-furbani minn fuqha
Bdew niżlin fuq il-blat minnufiħ.

U dlonk tferrxu min naħa, min oħra,
Qishom merħla ta' dbieb imġewħin,
Biex ifittxu biex jaħbtu għal għarrieda
Fuq l-irziezet mar-raba mxerrdin.

Qatgħa minnhom irħewlha bil-ġirja,
Minn mogħdija moħbija ġol-blat,
U ġol-aħdar mifrux tal-ħarruba,
Lejn l-inħawi ta' Wied Burmarrad.

Imma l-klieb tal-irziezet bdew jinbħu,
Kif ħassewhom imgħaġġla resqin,
U n-nies stenbħet u qamet u ħarbet,
Kif lemħuhom lejn djarhom ġejjin.

Kienu xjuħ, kienu rġiel, kienu nisa,
Kienu żgħażagħ u tfal u xebbiet,
Kulħadd jiġri bla nifs lejn il-Mosta,
Kulħadd jitlob lill-Omm tas-smewwiet.

Għax kulħadd kien jaf tajjeb x'ifisser
Tkun mit-Torok, f'idejhom maqbud,
Jasar kiefer ta' dmugħ u ta' niket,
Minn xtut artna għal dejjem mifrud.

F'dik il-folla ta' nies qiegħda taħrab,
Kien hemm xbejba żagħżugħa fis-snin,
Xbejba twajba mogħnija mis-sema,
Ta' qdusija u ta'ġmiel b'kull tiżjin.

Kienet tħobb fuq kulħadd, wara Alla,
Lill-Madonna b'imħabba ta' ġenn,
Għax f'kull bżonn, taħt id-dell tal-mant tagħha
Sabet dejjem it-faraġ u l-kenn.

Dak in-nhar, kif l-inbiħ tal-klieb semgħet
U l-għajjat u t-twerżiq tal-ġirien,
Malajr stenbħet u qamet ma' niesha,
Biex jaħarbu u jfittxu l-ħelsien.

U bil-ħrara talbitha 'l Madonna,
Biex tharishom minn dak it-tiġrib
U bis-sliema twassalhom il-Mosta
Illi kienet quddiemhom hekk qrib.

Ħarġu barra w ingħaqdu mal-kotra,
Maħrubin u ħafifa bħar-riħ,
Ħadu t-trejqa qasira ġor-raba,
Qabżu blat u ħitan tas-sejjieħ.

Imma x-xbejba, miskina, hi u tiġri,
Ħasset f'daqqa ġo qalbha tferfir
U qabditha bħal ħedla f'riġlejha,
Għax il-biża' li kellha kien kbir.

U bdiet tnaqqas mill-ġirja u tinqata'
Bla ma trid, mill-oħrajn għax għejjiet;
Sakemm sabet li baqgħet weħidha
Fuq it-trejqa u l-biża' iktar żdied.

Imbagħad ħarset imwerwra warajha,
U d-demm kesaħ f'ġisimha x'ħin rat,
Il-furbani hekk qrib, x'ħin semgħethom
Ihedhduha b'kliem faħxi u għajjat

Kienet waslet sew sew fejn it-trejqa
F'daqqa waħda tinkiser u ddur,
U tinħeba fil-wied qalb il-ħdura
Tal-ħarrub u tal-qasab mistur.

Fuq ġenb wieħed tal-wied kienu jidhru
Għerien kbar ġewwa l-blat miftuħin,
Illi jafu l-ġrajjiet tal-imgħoddi
U bil-fies tal-imgħoddi mħaffrin.

Dik ix-xbejba, mifxula issa ntebħet
Li biex taħrab mit-Torok sibbien
Tama waħda biss kellha quddiemha
Li tinħeba fid-dlam tal-għerien.

U malajr, b'ġirja waħda, l-wied taqsam
U ġo l-għar, li qrib tilmaħ, iżiġġ,
B'dik il-ħerqa ta' min qiegħed jegħreq
U jmur jaqbad mat-tavla fil-wiċċ.

U hekk kif daħlet ġol-għar rat quddiemha
Xaqq miftuħ ġewwa l-blat u lejħ ġriet,
U bid-deni li jnissel il-biża'
Ġo fih trekknet u trasset u nħbiet.

B'qalbha ttaqtaq u mxarrba bil-għaraq
Wiċċha sfajjar, nifisha maqtugħ,
Serrħet rasha mal-ħajt fuq idejha,
Qisha waħda mitlufa u bla ruħ.

F'dik it-telfa ta' biżgħa bdiet tolfoq
U bdiet titlob b'talb jaħraq bħan-nar
Lil dik l-Omm tas-smewwiet, li taf tagħder,
Għax hi xorbot ukoll semm l-imrar.

"J'Omm ħanina, j'Omm twajba, Marija,
Dawwar fuqi d-dawl ħelu t'għajnejk!
Isma' t-talba li llum qed nagħmillek,
Li minn qalbi magħfusa tfur lejk!

Ħares lejja, ja xbejba bla tebgħa,
F'din is-siegħa ta' dlam u thedhid,
Inti biss, illi tista' teħlisni,
Minn dan l-għadu hekk kiefer u mqit.

Tħallinix illi naqa' f'idejhom,
Dawn l-għedewwa ta' Ibnek għażiż,
Illi jridu bil-ħalfa jeqirdu
Minn qiegħ qlubna d-Din tagħna qaddis.

La tħallix illi l-bjuda ta' ruħi
Tiġi mkasbra u mormija fit-tajn,
Tħallihomx illi l-ġilju tas-Safa
Jixħtuhuli fit-trab mas-saqajn.

X'nista' nagħmel, Madonna, jien waħdi,
Ma' daw l-ħorox furbani kefrin,
Jekk fit-tieba ta' qalbek ħanina
Ma tgħinnix f'siegħa kerha bħal din?

Jekk jaqbduni, ilsira jagħmluni,
U jeħduni fil-bogħod, f'artijiet,
Fejn qatt nara x-xbieha iktar ta' wiċċek,
Fejn qatt nisma' ta' Ismek l-għanjiet.

Jien inwiegħdek, Madonna, `kk teħlisni,
Hawnhekk stess, fuq dan l-għar f' dan il-wied
Jien nibnilek, b'tifkira ta' mħabbtek
Knisja sbejħa, mill-isbaħ li nbniet.

U dak Ismek ta' ħlewwa u ta' barka
Nibqa' nxandar sa ħajti tintemm,
Nibqa' ngħid kemm kont miegħi ħanina,
Meta ħlistni mid-dlam ta' dan l-hemm.

U l-Madonna semgħetha lix-xbejba
U laqgħetu t-talb tagħha, magħġun
B'dmugħ in-niket li fawwar minn qalbha
U li ġelben fuq wiċċha sħun sħun.

Dak il-hin, niżlet brimba mis-saqaf
U b'subgħajha hekk rotob u ħfief
F'tebqa t'għajn u l-ħjut nisġet t' għanqbuta,
B'dik is-sengħa li tgħaggeb l-għorrief.

U l-għanqbuta li nisġet il-brimba
Minn fuq s'isfel id-dahla għattiet,
Donnha star illi bih riedet taħbi
Dik ix-xbejba fid-diam u fis-skiet.

Sadattant kienu waslu l-furbani,
Illi daħlu u fis tferrxu ġol-għar,
Biex ifittxu f'kull rokna u fl-irħawi,
Qalb il-qasab u l-blat ta' madwar.

Kienu żguri li hemmhekk isibuha,
Kienu rawha ftit qabel hekk qrib,
Kienu kważi laħquha ... x'ħin f'daqqa
Lejn il-qasab u l-għar rawha tgħib.

Kemm-il darba għaddew hekk qrib lejha,
Huma u jiġru minn hemm u minn hawn,
U stenniethom li fuqha ser jaħbtu
Għax stħajlithom li biha ndunaw.

U semgħethom, kull kelma li lissnu,
Illi ħarġet minn fommhom moqżież,
Iżebilħu u jmaqdru u jisħtu
L-iktar ħwejjeġ qaddisa u għeżież.

U kull darba bħal ħasset tkexkixa
Tiġri fiha, ġo demmha mismut,
Donnha stħajlet qed tara għaddej fejnha
Dell il-mewt, b'minġel f'idha mislut.

Imbagħad rathom mir-rokna fejn kienet
Hemm fid-dahla quddiemha weqfin ...
'Ma x'ħin lemħu l-għanqbuta mifruxa,
Xenglu rashom u baqgħu sejrin.

Għaliex ħasbu kif raw dik l-għanqbuta
Bil-ħjut sħaħ, illi ġewwa m'hemm ħadd
U li x-xbejba hemm daħlet tistaħba
Kienu żguri ma sata' jkun qatt.

Qatgħu qalbhom sa fl-aħħar, u telqu
Għax kien sebaħ u l-ħin kien ġa sar,
U mill-Mosta l-irġiel bl-armi fidhom,
Kienu riesqa, ġejjin lejn il-għar.

U ġrew lura mgħaddbin, għax bla priża,
Lejn il-Qawra minn fejn kienu ġew
U fix-xini li kienet ġabithom,
Infuskati, x-xtut tagħna ħallew.

Wara ftit dik ix-xbejba mill-moħba,
Semgħet ilħna jsejħulha ta' ħbieb.
Ħarġet tiġri u l-feħ illi ġarrbet
X'ħin lil niesha tal-għar rat fil-bieb.

Bkew ilkoll u hi bkiet iktar magħhom ....
Dak kien dmugħ illi jqanqal il-feħ
U li jixħet fil-qalb meta mġerrha
Balzmu ħelu ta' faraġ u serħ.

U fil-knisja tal-Mosta, għand Marija
Ilkoll marru f'riġlejha malajr,
Biex l-imħabba jfissrulha ta' qalbhom
U jroddulha kull ġieħ u kull ħajr.

Dak li wiegħdet ix-xebba, temmitu
U fuq l-għar waqqfet tempju sabiħ,
Li hu xhud li min jitma f'Marija
Joħroġ dejjem mill-għadu rebbieħ.

U sal-lum mat-tħaxwixa taż-żiffa,
Illi tfewweġ ġol-qasab tal-wied,
Kif mas-sebħ jidhru jleqqu fil-għodu,
Qishom ġawhar, it-truf tas-smewwiet,

Għadu l-leħen tax-xebba jinstama'
F'dell il-knisja u fid-dlam tal-għerien,
Jinseġ għanja ta' ħajr lil Marija,
Li ħelsitha mill-kiefra sibbien.

***

Meħuda mill-ktieb "Il-Leġġendi ta' Ġużè Delia, S.J., b'notamenti u bi studju ta' Ġorġ Mifsud B.A. (Hons.), M.A. – il-ħames edizzjoni miżjuda. Ippublikata mill-Kulleġġ San Alwiġi. Paġni 53 sa 57.